# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 11/2020: **CARMELO MICALLEF (KI. 122665M) V. JOSEPH MICALLEF (KI. 201056M), MARYROSE VASSALLO (KI. 600061M), PAULINE SAMMUT (KI. 38352M) U MARIA DOLORES DIMECH (KI. 859754M)**

(L-OBBLIGU TAL-PROVA TAL-FATT IMISS DEJJEM LIL MIN JALLEGAH U DAN L-OBBLIGU HUWA UGWALMENT SPARTIT BEJN IR-RIKORRENT U L-INTIMAT – F'KAŻ TA' DUBBJU DWAR JEKK LEGAT GĦANDHUX JIĠI AMMESS JEW ESKLUŻ DAN GĦANDU IMUR FAVUR IL-LEGATARJU – IL-POSIZZJONI TAL-LEGATARJU BĦALA KREDITUR TAL-WIRT – L-ADEMPIMENT O MENO TA' PRELEGAT KONSISTENTI F'SOMMA FLUS U L-PROVA MEĦTIEĠA SABIEX JINTWERA LI L-PRELEGAT KIEN TĦALLAS QABEL IL-MEWT TAD-DECUJUS – MINN META JIBDA JIDDEKORRI L-IMGĦAX FUQ LEGAT LI JKUN JIKKONSISTI F'SOMMA SEMPLIĊI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12 ta' Frar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Carmelo Micallef[1] ("ir-rikorrent") ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu talab lil Joseph Micallef, Maryrose Vassallo, Pauline Sammut u Maria Dolores Dimech (flimkien "l-intimati") sabiex jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li:

> **'Tħallsuh s-somma ta' ħdax il-elef, sitt mija u ħamsin Ewro (€11,650) ekwivalenti għal ħamest'elef Liri Maltin (Lm 5,000) rappreżentanti prelegat imħolli lilu mill-ġenituri tagħkom permezz tat-testment 'Unica Charta' datat 5 ta' Ottubru 2001 u li ġew dovuti wara l-mewt ta' missierkom f'Ottubru 2017**
>
> **Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali bin-numru 2428/19 u bl-imgħax legali kontra tagħkom li minn issa intom inġunti in subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fis-27 ta' Frar 2020[2] li permezz tagħha wieġbu u ppremettew kif ġej:

---

[1] Fol 1
[2] Fol 6

**'Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż minħabba s-segwenti raġunijiet:**

**(i) L-attur akkwista mingħand missieru t-testatur l-ammont imħolli lilu bħala legat u għalhekk a tenur ta' artikolu 701 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-legat jitqies mħallas.**

**(ii) In ogni caso l-ammont imħolli lill-attur bħala legat ma nstabx fil-ġid tat-testatur fil-mument ta' mewtu u għalhekk a tenur ta' artikolu 700 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-legat li fuqha ġiet kampata din l-azzjoni ma għandux effett.'**

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavits li ġew ippreżentati,

wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Avukat Dr. Franco Galea [3],
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Patrick Valentino[4],

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Fatti tal-każ

1. Il-kawża tikkonċerna l-ammont ta' € 11,650 li r-rikorrent jippretendi bħala ammont dovut lilu bħala prelegat li tħalla lilu mill-ġenituri tal-kontendenti permezz tat-testment *unica charta* datat 5 ta' Ottubru 2001 u liema ammont skond hu ġie dovut wara l-mewt ta' missierhom f'Ottubru 2017. L-intimati, ħut ir-rikorrent, jisħqu illi l-ebda ammont m'hu dovut lir-rikorrent għaliex skond huma l-legat filfatt kien tħallas lilu minn missierhom qabel mewtu u fi kwalunkwe każ il-legat ma nstabx fil-ġid ta' missierhom wara mewtu.

2. Bħala fatt jidher mhux kuntestat illi:

    1. permezz tat-testment *unica charta* datat 5 ta' Ottubru 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon[5] il-ġenituri tal-kontendenti kienu *inter alia* stitwew lill-intimati bħala eredi universali tagħhom fi kwoti indaqs mentri lir-rikorrent kienu ħallewlu b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti fosthom: appartament f'San Pawl il-Baħar bil-mobbli ta' ġo fih, ħanut ġewwa San Pawl il-Baħar bl-isem ta' *"Woodhut", garage* ġewwa San Pawl il-Baħar, kull dejn li seta' jkollu magħhom u somma ta' Lm 5,000.

[3] Fol 362-384
[4] Fol 386-392
[5] Dok HT a fol 28-29

2. Omm il-kontendenti, Francesca Micallef, mietet fit-12 ta' Jannar 2006.[6]

3. Fit-8 ta' Awwissu 2006 sar testment addizzjonali min-naħa ta' missier il-kontendenti, Carmelo Micallef (li għalhekk kellu l-istess isem ta' ibnu, r-rikorrent), fl-atti tan-Nutar Mark Zammit[7] li permezz tiegħu ħalla b'titolu ta' legat lir-rikorrent (i) polka tad-deheb, (ii) ċurkett li jġib is-salib tal-kavallieri u l-kuruna tar-re u kif ukoll b'titolu ta' legat lill-kontendenti kollha (i) id-deheb kollu rimanenti tiegħu.

4. Fil-31 ta' Ottubru 2017 miet missier il-kontendenti.

**Jekk it-testment tal-5 ta' Ottubru 2001 kienx l-aħħar wieħed ta' missier il-partijiet**

3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom l-intimati lmentaw illi r-rikorrent ma pprovax għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li t-testment *unica charta* tal-5 ta' Ottubru 2001 kien l-aħħar testment tad-defunt peress illi ma ġewx ippreżentati riċerki testamentarji f'dan ir-rigward.

4. Wieħed mill-prinċipji fundamentali fil-proċedura ċivili huwa dak li parti għanda ġġib **<u>l-aħjar provi</u>** li tista' ġġib. Din hija regola li ntirtet mill-liġi komuni Ingliża fejn sabet il-bidu tagħha lejn nofs is-seklu tmintax. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Omychund v. Barker</u>**[8] Lord Harwicke stqarr illi "*the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit*". B'hekk per eżempju provi meqjusa *sekondarji* bħal kopji ta' skrittura ma' kienux jitqiesu ammissibbli ġaladarba l-parti kellha l-obbligu li tipproduċi d-dokument oriġinali. Ir-razzjonal wara din ir-regola jista' tinftiehem l-iżjed fil-kuntest taż-żmien meta daħlet fis-seħħ. Fis-seklu tmintax fl-Ingilterra kopja ta' dokument kienet ħafna drabi tinkiteb bl-idejn minn skrivan jew anke mill-litiganti nfushom u għalhekk kien faċli li jsiru żbalji jew saħansitra jiġi perpetrat qerq f'tali kopji. Fiż-żminijiet tal-lum però u bil-progress kbir li sar fl-industrija diġitali, dan ir-razzjonal ftit li xejn għadu jagħmel sens. Fl-Ingilterra u Wales filfatt din ir-regola ġiet ristretta għal każijiet fejn litigant jagħżel b'kapriċċ illi jesebixxi kopji ta' dokumenti pertitenti għall-każ tiegħu minflok ma' jesebixxi l-oriġinali. It-tendenza hija ukoll illi anke fil-każijiet fejn parti tressaq prova sekondarja mingħajr ġustifikazzjoni, il-Qorti tqis tali prova b'mod sfavorevoli fir-rigward tal-piż probatorju tagħha u mhux tiddikjara inammissibbli.

5. Fis-sentenza mogħtija fl-1969 mill-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **<u>Garton v. Hunter</u>**[9]**,** Lord Denning qal: "*nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight and not to*

[6] Fol 197
[7] Fol 199-200
[8] Omychund v Barker (1745) 1 Atk, 21, 49; 26 ER 15, 33
[9] Garton v. Hunter [1969] 1 All ER 451, [1969] 2 QB 37

*admissibility".* Ftit iżjed minn tletin sena wara fl-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen**[10]**,** Lord Jonathan Parker iddikjara li:

> "*In my judgment, the time has now come when it can be said with confidence that the best evidence rule, long on its deathbed, has finally expired. In every case where a party seeks to adduce secondary evidence of the contents of a document, it is a matter for the court to decide, in the light of all the circumstances of the case, what (if any) weight to attach to that evidence. Where the party seeking to adduce the secondary evidence could readily produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will decline to admit the secondary evidence on the ground that it is worthless. At the other extreme, where the party seeking to adduce the secondary evidence genuinely cannot produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will admit the secondary evidence and attach such weight to it as it considers appropriate in all the circumstances. In cases falling between those two extremes, it is for the court to make a judgment as to whether in all the circumstances any weight should be attached to the secondary evidence. Thus, the "admissibility" of secondary evidence of the contents of documents is, in my judgment, entirely dependent upon whether or not any weight is to be attached to that evidence. And whether or not any weight is to be attached to such secondary evidence is a matter for the court to decide, taking into account all the circumstances of the particular case*".

6. Fil-każ tal-liġi Maltija, l-artikolu tal-liġi li jipprovdi għal din ir-regola huwa suċċint:

> **'559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.'**

7. Anke mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib.** Fejn huwa impossibbli jew diffiċli għal dik il-parti li ġġib l-aqwa prova, il-Qorti tiżbalja jekk tqis inammissibbli l-provi sekondarji li jistgħu jinġiebu – li wara kollox ikunu l-aqwa prova li dik il-parti setgħet b'mod raġjonevoli tressaq.

8. Fil-ġurisprudenza lokali għalkemm il-Qrati qatt ma' ddejjqu japplikaw din ir-regola b'mod rigoruż, jidher li daħlet tendenza illi r-regola tiġi rilassata meta l-provi miġjuba **ma' jkunux ġew kontestati mill-parti l-oħra**, anke meta dokumenti li jinġiebu biex isaħħu tali provi ma' jkunux ġew ġuramentati.

9. Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), il-kawża kienet titratta prinċipalment talba għall-manteniment mir-rikorrenti fil-konfront ta' missierhom minkejja li kienu laħqu l-eta ta' tmintax-il sena u dan peress li kienu għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full-time*. L-ulied xehdu

[10] Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen [2001] EWCA Civ 513 (10 April 2001)

permezz ta' *affidavit* illi huma kienu jattendu l-Universita' fuq bażi *full-time* u li kienu qegħdin jistudjaw għal lawriji fil-B.A. (Tourism Studies), fil-każ tat-tifla, u fil-B.Sc (Earth Systems) fil-kawż tat-tifel. Esebew ukoll *emails* mibgħuta mir-Reġistratur tal-Università ta' Malta li jattestaw għall-fatt li huma kienu għadhom qed jistudjaw l-Università. L-intimat ma xehedx u lanqas ressaq provi. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ffissat somma bħala manteniment li kellu jħallas l-intimat lill-uliedu. L-intimat appella mid-deċiżjoni *inter alia* bl-aggravju "*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time.*" Skond l-intimat, *"l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta' Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom."* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:

> *"Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ebda wiehed mid-dokumenti ma huwa guramentat, jibqa' l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi ahwa Farrugia illi fiha bil-gurament taghhom jikkonfermaw illi huma baqghu studenti full time wara li ghalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti sabiex fuq bazi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konkluzjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti moghtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tieghu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawza kienet giet differita 'ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandha.' Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud"*

10. B'mod simili għall-każ odjern, fis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet: **<u>Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.</u>** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) l-appellanti ressqu l-aggravju illi bosta dokumenti li kienu ġew ppreżentati mir-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti ma' kienux ġew debitament ikkonfermati bil-ġurament u għalhekk ma kellhomx jingħataw wisq importanza, kif ukoll li t-testment ippreżentat mar-rikors promotur ma setax jitqies bħala l-aħjar prova għaliex ma' tressqux provi li jaċċertaw li dan kien l-aħħar testment ta' omm il-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) stqarret is-segwenti:

> *"l-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jigifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawza quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti ghall-kaz tieghu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li ghandha tingieb quddiem il-Qorti l-*

*ahjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Huwa minnu, li fl-istess dispozizzjoni jinghad li, il-Qorti ghandha dritt tesigi li titressaq l-ahjar prova, izda l-fatt li l-ewwel Qorti accettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti li m'humiex guramentati, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduci l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited.) Madankollu jigi osservat ukoll li l-konvenut appellant qatt ma kkontesta l-validita` tad-dokumenti jew l-awtenticita` tal-istess dokumenti mressqa mill-atturi appellati, hlief fl-istadju tal-appell.... Kwindi ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kien ikun ahjar li l-atturi appellati jikkonfermaw bil-gurament id-dokumenti kollha esebiti minnhom, u li jressqu ricerki testamentarji li jixhdu li t-testment in atti kien l-ahhar wiehed ta' ommhom, din il-Qorti ma tistax twarrab l-istess dokumenti mressqa minnhom, minkejja n-nuqqas li dawn jiġu debitament guramentati, u li jitressqu r-ricerki testamentarji, daqslikieku ma tressqu provi ta' xejn."*

11. Il-Qorti tqis illi huwa minnu li ma ġew ippreżentati l-ebda riċerki testamentarji tad-defunt Carmelo Micallef u li fix-xhieda tiegħu r-rappreżentant tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma li t-testment esebit minnu kien l-aħħar wieħed tad-defunt Micallef.[11] Ir-rikorrent filfatt seta' u kellu jkun ftit iżjed diliġenti fit-tressiq tal-provi tiegħu billi bena l-każ kollu tiegħu fuq testment partikolari. Madanakollu, b'applikazzjoni tal-insenjament fuq imsemmi, l-Qorti ma tħossx illi n-nuqqas tiegħu f'dan ir-rigward għandu ikun fatali għat-talbiet tiegħu, partikularment għaliex fl-ebda stadju – tal-inqas qabel in-nota ta' sottomissjonijiet finali – ma kien hemm xi kontestazzjoni f'dan is-sens jew inkella xi allegazzjoni illi l-prelegat li fuqu hija msejsa l-kawża kien tħassar minn missier il-partijiet wara l-mewt ta' ommhom.[12] Pjuttost mill-provi esebiti, partikularment mix-xhieda tal-intimati nfushom, ħareġ illi l-kontestazzjoni prinċipali kienet filfatt dik illi skond huma l-prelegat mħolli lil ħuhom kien adempit matul ħajjet missierhom. Għalhekk il-Qorti sejra tqis illi t-testment *unica charta* tal-5 ta' Ottubru 2021 li minnu jirriżulta l-prelegat mertu tal-kawża qatt ma ġie mħassar jew sostitwit minn missier il-kontendenti.

**Il-piż tal-prova fuq il-kontendenti**

12. Kif ingħad il-kontestazzjoni prinċipali tal-intimati hija dik illi meta kien għadu ħaj missierhom huwa kien diġà ħallas lir-rikorrent l-ammont ta' Lm 5,000 mħolli lilu bi prelegat. F'dan ir-rigward l-Artikolu 702(3) (ċitat skorrettement mill-intimati fir-risposta tagħhom bħala l-Artikolu 701 iżda sussegwentement kjarifikat fin-nota finali tagħhom) tal-Kap. 16 jipprovdi hekk:

**'702. (1) Jekk il-ħaġa mħollija b'legat kienet ġa tal-legatarju fi żmien it-testment, dan il-legat ma jiswiex.**

[11] Fil-verità ħareġ li kien hemm testment addizzjonali tal-istess Carmelo Micallef fit-8 ta' Awwissu 2006 u allura dak tal-2001 ma seta' qatt ikun l-aħħar testment tiegħu.

[12] Sal-mewt ta' omm il-kontendenti t-testment in kwistjoni kien baqa' fis-seħħ billi saret riferenza għalih fid-dikjarazzjoni *causa mortis* a fol 196-198 tal-proċess.

**(2) Kemm-il darba l-legatarju jkun akkwista l-ħaġa mħollija b'legat f 'xi żmien wara t-testment, jew mingħand it-testatur b'titolu oneruż jew mingħand ħaddieħor b'kull titolu li jkun, huwa jkollu jedd għal daqs kemm tkun tiswa l-ħaġa, kemm-il darba jkun hemm iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 696, bla ma jingħata qies tal-artikolu 743.**

**(3) Jekk il-legatarju jkun akkwista l-ħaġa mingħand it-testatur b'titolu gratuwitu, il-legat jingħadd bħala mħallas.** (sottolinear tal-Qorti)'

13. Apparti dan l-intimati qed jgħidu ukoll illi mal-mewt ta' missierhom l-ammont mħolli lir-rikorrent bħala prelegat ma nstabx fil-ġid tiegħu. F'dan ir-rigward l-Art. 700 tal-Kap. 16 jipprovdi kif ġej:

**'700. (1) Meta t-testatur iħalli bħala tiegħu nnifsu ħaġa partikolari, jew ħaġa li tkun ta' ċertu ġens jew ta' ċerta speċi, il-legat ma jkollux effett, jekk il-ħaġa ma tkunx tinsab fil-ġid tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu.**

**(2) Jekk il-ħaġa tkun tinsab fil-ġid tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, iżda mhux fil-kwantità msemmija fit-testment, il-legat ikollu effett għall-kwantità li tinsab.'**

14. Kif inhuwa magħruf, fis-sistema ġuridika tagħna waħda mir-regoli tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi fuq dik il-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu**.** Din ir-regola hija kristalizzata fil-liġi tagħna fl-Art. 562 tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:

**'562. Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.'**

15. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq ir-rikorrent li jsostni l-fatt favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq l-intimat għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (*reus in excipendo fit actor*). F'dan is-sens, fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra. Fil-każ in eżami ir-rikorrent kellu l-oneru jipprova lill-Qorti, skond ir-regoli u prinċipji legali stabbiliti, li jispetta lilu l-prelegat ta' Lm 5,000 imħolli lilu mill-ġenituri tal-kontendenti. Kif ġa ngħad, għalkemm seta' forsi kien ftit iżjed attent fit-tressiq tal-provi tiegħu, ir-rikorrent ressaq prova sodisfaċenti illi dan il-prelegat tabilħaqq tħalla lilu mill-ġenituri tiegħu. L-intimati qed jgħidu illi (i) dan il-prelegat kien ġa tħallas lir-rikorrent minn missieru, u li (ii) ma nstabitx din is-somma fil-patrimonju ta' missier il-kontendenti mal-mewt tiegħu. B'tali eċċezzjonijiet l-intimati waddbu l-oneru probatorju fuqhom illi jippruvaw dak allegat minnhom.

16. Kif sew ingħad mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-sentenza **<u>Charles Schembri v. Jean Schembri</u>** (Avviż 550/2017 KCX, 9 ta' Jannar 2019) dwar l-Art. 562 tal-Kap. 12 fuq imsemmi:

> '*Din id-disposizzjoni ma tiddistingwix bejn il-figura ta' l-attur li jippromwovi azzjoni u bejn konvenut li jirrezisti ghall-istess tramite d-difiza tieghu. Dan hu dispost redatt b'mod ampju u generiku, li ghandu jigi interpretat li kull minn jallega fatt ghandu l-obbligu legali li jissostanzja l-istess bil-produzzjoni ta' provi konkreti. Fil-kaz odjern, huwa l- konvenut li jrid jissodisfa dan l-oneru sabiex jiskarika l-istess minn fuqu u, ergo, "jirbah" l-eccezzjoni minnu mqanqla u dan ghax f'certi kazijiet l-konvenut bl- eccezzjoni tieghu isir attur in forza tal-principju "reus excipiendo fit actor" u ghalhekk ikun obbligu tieghu li jipprova dak li jkun eccepixxa (ara ghar-rigward in re John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe, Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 23 ta' Mejju, 2008). B'riferiment ghad-duttrina Ingliza, fid-decizjoni in re Angelo Scicluna v. John Scerri (Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju, 1951; konfermata fl appell fid-19 ta' Novembru, 1951) inghad appropozitu li, "Dan hu in armonia mal-principju ġenerali accettat minn zmien antik mit-trattisti Inglizi f'materja probtorja, u gie hekk espress mill-Phillips, Treatise on the Law of Evidence, page 189:- «Although in general it is necessary for a party who brings an action, to prove all the material facts which he alleges in support of his claim, yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defendant's liability, then the burden of the proof lies on the defendant, not upon the plaintiff.»"*
>
> *Skond it-tghalim ta' FRANCESCO RICCI ("Delle Prove", UTET, 1891; §34; pp. 52-53), "L'attore che ha a favore della sua domanda una presunzione è dispensato dall'onere della prova: così pure dallo stesso onere é dispensato il convenuto la cui eccezione ha base in una presunzione. Effetto della presunzione é, come si esprime la Cassazione di Torino (decis. 16 febbraio 1855, VII, 1, 176), di far considerare la cosa presunta come provata sinchè non si dimostri il contrario. La parte, quindi, cui una presunzione è opposta, non può limitarsi ad asserire il contrario, ma deve distruggere la presunzione stessa con una chiara e indubitata prova della fatta impugnativa."*

17. Irid jingħad ukoll illi kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza:

> *" ... jidher li teżisti regola li tgħid li meta kwistjoni tkun dwar jekk legat għandux ikun ammess jew eskluż, għandha tingħata l-interpretazzjoni li l-iżjed tmil favur il-legatarju; filwaqt li meta l-kwistjoni tkun dwar l-estensjoni jew il-kwantità tal-legat, din għandha tmil favur il-werriet (ara Farmacista George Mallia v. Carmela Mallia deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Marzu, 1957 u Rosario Mifsud et v. John Saliba et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 2008)."*[13]

---

[13] Kif ċitata fis-sentenza **<u>Giuseppe Sciortino et. v. Alfred Sciortino</u>** (Rik 517/2013/2, Qorti tal-Appell Superjuri, 15 ta' Ġunju 2023)

18. Inoltre billi l-legatarju huwa meqjus bħala "kreditur" tal-wirt u filfatt il-prelegat jrid jitħallas jew jiġi kkonsenjat qabel il-qasma tal-wirt[14], l-allegazzjoni illi l-legatarju diġà tħallas trid tiġi ppruvata mill-intimati b'mod ċar u konklussiv lil hinn mid-dubju raġonevoli u f'każ ta' dubbju raġjonevoli dan għandu jmur favur ir-rikorrent u kontra l-intimati u ċertament mhux vice-versa.

19. Għalhekk il-kompitu tal-Qorti minn issa 'l quddiem huwa li tiddetermina:

    1. jekk l-intimati ressqux provi biżżejjed sabiex jitqies, b'mod konklussiv lil hinn mid-dubju raġonevoli, illi r-rikorrent kien diġà tħallas l-ammont imħolli lilu bħala prelegat qabel ma miet missier il-partijiet, u

    2. jekk l-intimati ressqux provi biżżejjed sabiex jitqies, iżjed iva milli le, li fi kwalunkwe każ mal-mewt tal-istess *decujus* dan l-ammont ma nstabx fl-assi ereditarji tiegħu.

**Provi**

20. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-2 ta' Novembru 2020 ir-rikorrent **<u>Carmelo Micallef</u>** xehed *inter alia* illi minkejja li hu kien talab lill-ħutu l-intimati sabiex iħallsuh l-ammont ta' € 11,646.86 rappreżentanti l-prelegat imħolli ilu, dawn baqgħu qatt ma ħallsuh.[15] Qal illi wara l-mewt ta' missierhom ħutu wirtu u biegħu l-vettura tal-għamla *Mercedes* filwaqt li ħadu l-oġġetti mobbli li kienu jinsabu ġewwa d-dar matrimonjali tal-ġenituri tagħhom u diversi oġġetti ta' valur minn proprjetajiet oħra inkluż dehbijiet, antikitajiet u oġġetti prezzjużi li jiswew eluf kbar ta' liri. Tenna illi minkejja li bit-testment addizzjonali li għamel missieru dan kien ħallielu b'titolu ta' prelegat polka tad-deheb u ċurkett li jġib is-salib tal-kavallieri u l-kuruna tar-re, meta miet missieru ħutu ma tawhomlux. Saħaq li ommu u missieru qatt ma tawh flus f'ħajjithom u li ma ħallew l-ebda djun wara mewthom.

    In kontroeżami fis-seduta tal-24 ta' April 2023[16] ċaħad li huwa kien ingħata b'donazzjoni *restaurant* f'Buġibba u filfatt tenna li dan ir-*restaurant* kien xtrah mingħand missieru fl-1992. Ikkonferma li qatt ma ħa flus mingħand missieru. Qal illi l-unika introjtu li kellu missieru wara l-mewt ta' ommhom kienet il-pensjoni ta' ċirka elf euro fix-xahar liema pensjoni missieru kien jiġbidha mill-ewwel mill-bank. Missieru kien isiefer kull sena ħlief fl-aħħar sentejn ta' ħajtu. Tenna li missieru bħala bniedem fin-negozju kien jaf juża l-*cashlink* u filfatt kien jużaha minn diversi postijiet. Ġieli kien ikun miegħu meta jiġbed il-flus. Ċaħad li missieru qatt kien ikollu bżonn il-flus u li kien jitlob lill-intimati sabiex ituh flus. Mistoqsi kif missieru, li kien

---

[14] Iżda wara li jitħallsu d-djun, fejn applikabbli (vide Art. 896, 897 – Kap. 16)
[15] Fol 202-203
[16] Fol 354-360

jgħix San Pawl il-Baħar, kien imur Ħal Qormi jiġbed il-flus bil-*card* meta ma kienx isuq, ir-rikorrent wieġeb li kien biss fl-aħħar sena u nofs li ma kienx baqa' isuq u f'dak il-perjodu kien iwasslu ħajjat ħabib tiegħu li kien jinnegozja l-bini tiegħu. Ċaħad li qatt żamm il-*cashlink* ta' missieru jew li qatt ġibed flus minnha għalkemm stqarr illi seta' kien il-każ illi xi minn daqqiet kien ġibed flus mill-*card* fil-presenza ta' missieru u dan għax kien iqabbdu missieru stess. Reġa' kkonferma li qatt ma ħa xi ħaġa mill-pensjoni ta' missieru minkejja li kien inaddaflu, jaħslu u joħorġu.

Mistoqsi kif fl-aħħar erba' xhur ta' ħajtu, waqt li kien rikoverat fl-Isptar Karen Grech, baqgħu jinġibdu flus mill-kont ta' missieru r-rikorrent qal illi kien l-intimat Joseph Micallef li kien qallu sabiex juża l-*cashlink* ta' missierhom biex iħallas xi spejjeż li kellu rigward *tyre* tal-vettura *Mercedes* u xi kontijiet tad-dawl. Ċaħad però illi dan l-ammont kien € 7,000 u qal illi l-ammont kien ta' ċirka € 700 (għall-kontijiet tad-dawl) għalkemm nesa kemm kien nefaq għall-ispejjeż tal-vettura.

21. Fil-25 ta' Jannar 2021 xehed l-intimat **Joseph Micallef**[17], prodott mir-rikorrent innifsu, fejn fost affarijiet oħra semma l-proprjetajiet li hu u ħutu kienu wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom. Il-Qorti ser tagħmel riferenza għal dawn il-proprjetajiet fi stadju ulterjuri tas-sentenza billi tislet mid-dikjarazzjoni *causa mortis* a fol 196-198 tal-proċess. Li huwa rilevanti f'dan ir-rigward fix-xhieda tiegħu huwa illi l-partijiet indiviżi ta' dawk il-proprjetajiet msemmija f'dik id-dikjarazzjoni *causa mortis,* li kienu ta' missierhom, għaddew għand l-eredi mal-mewt tiegħu. Dan qed jingħad għaliex ma ġietx esebita d-dikjarazzjoni *causa mortis* li setgħet saret mill-eredi wara l-mewt ta' missierhom. Però x-xhud kien ċar illi filwaqt li l-eredi ħallew lil missierhom igawdi dawk il-proprjetajiet li s-sehem indiviż tagħhom tal-omm kien għadda għand l-eredi mal-mewt tagħha fl-2006, meta miet l-istess missier fl-2017 dawn il-proprjetajiet imbagħad għaddew lill-eredi.

L-intimat saħaq illi missieru ma kienx ikollu flus fil-but tant illi meta l-istess intimat kien jiġbor il-flus tal-kera' ta' proprjetà ġewwa Triq Bir ir-Riebu, Rabat (liema proprjetà kienet tal-omm u għaddiet għand l-intimat wara mewtha) mingħand terzi – ċirka € 90 fix-xahar – huwa beda jgħaddihom direttament lil missieru minflok lil ħuh ir-rikorrent.

Stqarr illi l-vettura *Mercedes* li kienet ta' missieru u li ħalla f'*garage* li ngħata bħala prelegat lir-rikorrent, nbiegħet wara il-mewt ta' missierhom għas-somma ta' € 4,500 u din inqasmet bejn l-eredi. F'dan ir-rigward sussegwentement fil-proċess ġiet esebita r-riċevuta f'dan ir-rigward.[18]

[17] Fol 217-227
[18] Fol 283-284

Sostna li minkejja li r-rikorrent ma kienx eredi ta' missierhom l-aħwa xorta qasmu miegħu meta ġew biex jaqsmu l-affarijiet tad-dar fejn kienu joqgħodu l-ġenituri tagħhom. Qal ukoll illi ċ-ċurkett li kien tħalla bħala prelegat lir-rikorrent kien qiegħed għandu iżda ma jafx bil-polka tad-deheb. Ikkonferma ukoll illi l-investimenti li kellu missieru ma MZ Investments Ltd kienu inqasmu bejn l-eredi u filfatt ħadu xi € 6,300 bejniethom.

Rigward ir-raġuni 'l għala ma ħallsux il-legat lir-rikorrent, l-intimat qal illi meta ħutu rċevew il-kont tal-funeral dan kien ġie kważi € 3,000 mentri kull ma sabu fil-kont bankarju tiegħu kien € 2,300. Għalhekk il-kumplament ħallsuh mill-but tagħhom l-eredi stess. Inoltre meta missierhom kien marad u kellhom bżonn jeħduh darbtejn għand il-professur kienu l-eredi li ħallsu l-ispejjeż.

In kontroeżami spjega kif kien qatt l-aħħar seba' snin ta' ħajtu missierhom. Huwa qal illi kien jiġi l-ħanut tiegħu kuljum preċett u kien itih jiekol. Flus ma kienx ikollu fil-but għajr għal xi ħames jew għaxar euro. Meta kien staqsa lir-rikorrent dwar dan, skond l-intimat ħuh qallu illi kien qed jeħodlu l-flus minħabba li missierhom kien beda ibati bid-dimensja. Ġieli missieru talbu xi flus għad-*diesel* u kien isellifhomlu imma baqa' qatt ma ħallsu lura. Qal li madanakollu kellu flus ġewwa l-kontijiet bankarji tiegħu għalkemm il-*cashlink* kien iżommha r-rikorrent għax missieru ma kienx jaf kif jużaha. Tenna illi l-flus mill-kontijiet tal-bank ta' missieru inkluż il-pensjoni ta' kull xahar kien jiġbidhom ir-rikorrent u ħadd iżjed. Qal illi bejn wieħed u ieħor inġibdu xi ħamsa u sebgħin elf euro (€ 75,000) matul is-snin u li kull meta kienet tasal il-pensjoni din kienet tinġibed minnufih mingħand ir-rikorrent.

22. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-23 ta' Mejju 2022[19] l-istess **Joseph Micallef** stqarr illi huwa għandu ħanut ir-Rabat li jbiegħ affarijiet relatati mal-isports, kaċċa, nsib u sajd liema ħanut kien qabel imexxih missieru. Minkejja li missieru kien mar jgħix Buġibba huwa baqa' jiġi r-Rabat fil-ħanut kuljum preċett anke għaliex kellu għalqa viċin. Kienu jieħdu l-kolazzjoni kuljum u għal xi 11.30am missieru kien jibqa' sejjer għand oħtu Mary Rose Vassallo li tgħix ir-Rabat għall-ikel. Meta ma kienx baqa' jsuq kienu jmorru għalih xi ħadd mit-tfal. Missieru ma kienx ikollu flus biex iħallas meta jmorru jieklu xi ħaġa ħlief għal xi ftit euro u inoltre xi darba darbtejn fix-xahar kien jitolbu xi € 20 għad-*diesel.* Matul is-snin huwa kien jagħtih batteries u skrataċ mill-ħanut għax ma kellux flus fuqu u kien anke selliflu xi flus meta ġab xi vetturi mill-Ingilterra (xi € 2,500) iżda baqa' qatt ma tahomlu lura. Meta kien staqsieh fejn kienu qed imorru l-flus, missieru kien iwieġbu li l-flus kien qed iżommhom ir-rikorrent. Kien baqa' jmur il-ħanut sakemm marad fl-2017 u daħal l-Isptar meta imbagħad kien miet ftit wara.

---

[19] Fol 339-341

Skond l-intimat meta ra l-prospetti li ġew esebiti mill-BOV fil-kawża hu u ħutu ndunaw illi matul seba' snin ir-rikorrent kien ġibed bil-*cashlink* mill-kont ta' missierhom is-somma ta' € 84,310. Mhux ta' b'xejn, kompla jgħid, illi meta miet ma kellux flus fil-bank għajr għal € 2,317. L-intimat spjega illi anqas kien hemm biżżejjed flus għall-funeral peress illi dan ġie jiswa € 2,898.92 (riċevuta annessa mal-affidavit) u għalhekk hu u ħutu (għajr għar-rikorrent) spiċċaw joħorġu bejniethom is-somma ta' € 581. Inoltre meta kien għadu ħaj missierhom l-intimat kien ħallas minn butu xi spejjeż bħal € 120 lil professur għal viżta medika u wara mewtu kien ħallas € 50 lill-*istaff* u kien irranġa l-irħama tal-qabar għall-prezz ta' € 215. Apparti dan, irriżulta illi missieru kien tħallas żejjed is-somma ta' € 1,256.33 f'benefiċċji soċjali u dawn ġew rifużi lura lid-Dipartiment minn oħtu (dokument anness mal-affidavit bħala prova). Kien hemm ukoll ammont pendenti ta' € 112 mad-Dipartiment tat-Taxxa u dan tħallas mill-aħwa kollha eskluż ir-rikorrent. B'kollox skond l-intimat kien hemm għalhekk dovut lill-eredi l-ammont ta' € 8,157 bħala djun. Madanakollu kif kien ġa spjega mal-mewt ta' missierhom indunaw li ma kienx hemm flus biżżejjed fil-kontijiet tal-bank tiegħu.

23. Fil-25 ta' Ottubru 2021 xehdet l-intimata **<u>Mary Rose Vassallo</u>**[20]. Din qalet illi qatt ma kienet rat il-polka tad-deheb li missierha u ommha kienu ħallew lir-rikorrent bħala prelegat. Meta mietet ommha kienu għamlu inventarju tad-deheb u din il-polka ma kienet tidher imkien. Fl-istess seduta ġie esebit l-inventarju tad-deheb u ħaġar prezzjuż, permezz ta' nota, fejn ingħad illi dan l-inventarju kien sar mill-aħwa kollha mal-mewt t'ommhom u li l-oġġetti kienu nqasmu kollha bejniethom.[21]

24. Fis-6 ta' Marzu 2023 l-istess **<u>Mary Rose Vassallo</u>** xehdet bil-mezz ta' affidavit[22]. Hija kkonfermat ftit jew wisq dak li qal fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-istess ġurnata ħuha Joseph Micallef. Wara l-mewt ta' ommha fl-2006, missierha kien jiġi għandha kuljum u kien jiekol għandha f'nofsinhar. Ġieli talabha xi flus għad-*diesel* għax ma kienx ikollu fuqu u ġieli ukoll kien jieħu xi affarijiet mill-ħanut li ma kienx iħallas għalihom. Kienet tħallaslu ukoll il-viżti tal-professur fl-Isptar u meta ġie nieqes ma kienux sabu flus biżżejjed fil-bank biex ikopru l-ispejjeż tal-funeral. Għalhekk l-eredi kienu ħarġu l-kumplament. Qalet ukoll illi wara l-mewt ta' missierha kienet skopriet li kien ħuha r-rikorrent biss li kellu l-*cashlink* ta' missierha u dan kien ġibed € 84,310 mill-kont tiegħu matul is-snin.

25. Fis-17 ta' Jannar 2022 xehdet l-intimata **<u>Maria Dolores Dimech</u>**[23]. Bħal ma diġà kienu qalu ħutha l-intimati, hija stqarret li qatt ma rat il-polka li l-ġenituri tagħha ħallew lil ħuha r-rikorrent bħala prelegat. Meta imbagħad xehdet b'*affidavit*

---

[20] Fol 278-280
[21] Fol 285
[22] Fol 395
[23] Fol 281A-D

ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2023, qalet li kull nhar ta' Ħamis, minn qabel ma kienet mietet ommha sa ma kien daħal l-Isptar, missierha kien jiġi għandha għall-ikel. Ħutha qalulha li missierha qatt ma kien ikollu flus fuqu però dan qatt ma kien qallha xejn u lanqas qatt talabha xi flus. Meta miet, indunaw li ma kienx hemm biżżejjed flus fil-kont tiegħu u għalhekk hi u ħuta (għajr għar-rikorrent li ma riedx joħroġ flus) kienu ħarġu l-kumplament tal-ispejjeż tal-funeral minn buthom.

26. Bħala provi dokumentarji, apparti dawk diġà msemmija, ġew ippreżentati *inter alia*:

1. prospetti tal-kontijiet bankarji intestati f'isem missier il-kontendenti mal-**Bank of Valletta plc**[24]. Minn dawn jirriżulta illi mal-mewt tiegħu fl-2017 dan kellu € 2,317.08 fis-*savings accounts.*[25].

2. prospetti tal-kontijiet bankarji intestati f'isem ir-rikorrent mal-**Bank of Valletta plc**[26].

3. dokumenti li juru l-investiment li kellu f'*bond fund* ma' **MZ Investment Services Ltd** u li fil-15 ta' Ottubru 2018 l-eredi intimati tħallsu kollettivament is-somma ta' € 6,454.16[27].

4. riċevuti li juru l-bejgħ tal-vettura ***Mercedes*** li kienet tappartjeni lill-missier għall-ammont ta' € 4,500, liema ammont tħallas lill-eredi intimati[28].

5. kuntratt datat 19 ta' Ottubru 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon li juri l-**bejgħ ta' appartament** terran ġewwa San Pawl il-Baħar minn missier il-partijiet lir-rikorrent versu l-prezz ta' Lm 6,500[29].

6. **ittra uffiċjali** bin-numru 2428/2019 li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2019 mir-rikorrent kontra l-intimati b'talba għall-ħlas ta' € 11,650 ossia tal-prelegat imħolli lilu mill-ġenituri tal-kontendenti.[30]

7. **dikjarazzjoni *causa mortis*** fl-atti tan-Nutar Mark Zammit li ġiet magħmulha fl-10 ta' Mejju 2006 mill-kontendenti u minn missierhom wara l-mewt ta' ommhom.[31] Minnha jirriżulta *inter alia* illi dakinhar l-missier u l-kontendenti kienu ddikjaraw l-ishma tan-nofs indiviż (u fil-każ ta' żewġ proprjetajiet is-sehem sħiħ peress illi kienu jappartjenu kollha lilha) ta'

---

[24] Fol 60-181A
[25] Fol 179
[26] Fol 290-337
[27] Fol 188-192
[28] Fol 283-284T
[29] Fol 229-231
[30] Fol 215-216
[31] Fol 196-198

numru ta' proprjetajiet, li kienu tal-omm, liema ishma kienu valutati fis-somma totali ta' Lm 87,000.

**Kunsiderazzjoni**

27. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni, ossia dik illi l-prelegat ġie adempit bil-ħlas tas-somma ta' Lm 5,000 lir-rikorrent minn missieru matul il-ħajja ta' dan tal-aħħar, il-Qorti tqis illi 'l hinn mill-allegazzjonijiet imressqa mill-intimati ma jirriżultax b'mod konklussiv u mingħajr dubbju raġjonevoli illi dan filfatt seħħ. Huwa minnu illi kważi l-intimati kollha stqarrew illi missierhom kien ikun b'idu f'idu u mingħajr flus, li r-rikorrent kien "jieħu ħsieb il-finanzi" tar-rikorrent u li kien jagħmel użu regolarment mill-*cashlink* tiegħu. Huwa minnu ukoll illi mill-prospetti esebiti mill-Bank of Valletta p.l.c. a fol 60 – 181A jirriżulta illi l-pensjoni mensili li kien jipperċepixxi l-missier kienet tinġibed kważi immedjatament mill-ATM. Il-Qorti tara ukoll mill-prospetti tal-Bank of Valletta p.l.c. tar-rikorrent illi diversi drabi kienu użati l-istess ATMs għall-ġbid tal-flus u li kienu isiru diversi *cash deposits* fil-kont tar-rikorrenti permezz tal-ATM. Madanakollu mitt suspett ma jagħmlux prova u meta wieħed jikkunsidra illi r-rikorrent huwa bniedem tan-negozju ma hemm xejn li b'mod konklussiv jipprova illi l-flus li kienu jinġibdu mill-kont ta' missieru kienu qegħdin jidħlu għandu. Minn imkien ma jirriżulta illi qatt sar xi depożitu direttament mill-kont tal-missier lejn il-kont tar-rikorrent. Inoltre, meta r-rikorrent innifsu ammetta li fl-aħħar erba' xhur ta' ħajjet missieru huwa kien uża l-*cashlink* tiegħu sabiex jiġbed xi ftit mijiet ta' euro biex iħallas xi spejjeż tal-vettura (*tyre* tal-vettura *Mercedes*) u kontijiet tad-dawl ta' missieru stess, il-prospett esebit mill-Bank jikkorrobora din l-asserzjoni u jxejjen s-suġġeriment magħmul mill-avukat tal-intimati illi dan kien ġibed xi € 7,000 sabiex iżommhom għalih. Filfatt fid-dokument a fol 178 jirriżulta illi bejn Lulju u Ottubru 2017 kienu inġibdu € 580. Jirriżulta ukoll illi kuntrarjament għal dak li kien iseħħ b'mod regolari matul ix-xhur u snin ta' qabel, fiż-żmien li għamel l-Isptar (bejn Lulju u Ottubru 2017) għajr għall-ħruġ tal-€ 580 imsemmija, il-pensjoni baqgħet ma nġibditx.

28. Dan premess, ma jistax raġonevolment jingħad illi l-intimati rnexxielhom jiskarikaw l-piż tal-prova inkombenti fuqhom li adegwatament jissostanzjaw din l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

29. Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni, dik illi wara mewtu l-prelegat fl-ammont ta' Lm 5,000 ma nstabx fl-assi ereditarji tal-missier, il-Qorti tħossha xi ftit perplessa bir-raġunament adoperat mill-intimati. Dak li jiddisponi l-Art. 700 huwa dwar in-nuqqas ta' sejbien tal-***ħaġa partikolari*** mħollija b'legat fil-ġid tat-testatur jew in-nuqqas ta' sejbien tal-ħaġa fil-kwantita' msemmija fit-testment. Fil-każ in eżami l-ġenituri tal-kontendenti ħallew ***somma flus*** bħala prelegat lir-rikorrent u jekk mal-mewt tal-missier ma kienx hemmx biżżejjed ***flus*** fil-kontijiet tal-bank tiegħu dan ma jfissirx b'daqshekk, kif jippretendu l-intimati, illi l-legat huwa bla effett jekk jirriżulta illi kien hemm assi ereditarji biżżejjed li jissodisfaw l-ħlas tal-legat.

30. Il-legatarju huwa meqjus bħala kreditur tal-wirt u filfatt il-prelegat jrid jitħallas jew jiġi kkonsenjat lilu qabel il-qasma tal-wirt wara li jitħallsu d-djun. L-Art. 734 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

> **'734. (1) Meta fost żewġ werrieta jew iżjed ebda wieħed minnhom ma jkun ġie partikolarment obbligat mit-testatur għall-ħlas tal-legat, il-werrieta kollha huma obbligati għall-ħlas tiegħu, kull wieħed skont is-sehem li jkun imissu fil-wirt.**
>
> **(2) Huma wkoll obbligati għall-ħlas tal-legat kollu, sal-valur ta' immobbli tal-wirt li jkollhom f'idejhom.'**

31. Mill-assjem tal-provi mressqa ħareġ fost oħrajn illi l-proprjetajiet imsemmija fid-dikjarazzjoni *causa mortis* (magħmula wara l-mewt tal-omm fl-2006) kienu eventwalment għaddew lill-eredi (u lir-rikorrent bħala legatarju fil-każ tal-proprjetà imħollija lilu b'legat). Jekk wieħed iqis il-valur tal-ishma kif valutati f'tali dikjarazzjoni fl-2006 mingħajr ma jieħu kont tal-akkrexximent tal-valur tagħhom, jirriżulta illi mal-mewt tal-missier fl-2017, l-eredi wirtu *inter alia* is-segwenti fi proprjetajiet minn missierhom:

1. Lm 8,000 (nofs indiviż tal-*garage* fi Triq Emanuel Stivala, Rabat)
2. Lm 1,000 (nofs indiviż tal-kantina sottoposta għad-dar bin-numru 15 f'*Saint Publius Street, Rabat*)
3. Lm 13,000 (nofs indiviż tal-*flat* numru 12, fil-blokka "Costa del Sol", Triq ta' Żandru, il-Qawra)
4. Lm 12,000 (nofs indiviż tal-*flat* numru 9, fil-blokka "Costa del Sol", Triq ta' Żandru, il-Qawra)

Dawn jammontaw *in toto* għall-valur ta' Lm 34,000 ossia' **€ 79,198.69**. Għall-fini ta' din il-komputazzjoni, il-Qorti ħalliet barra l-proprjeta' konsistenti fil-*flat* numru 6, fil-blokka "Costa del Sol", Triq ta' Żandru, il-Qawra peress li tħalliet taħt titolu ta' prelegat lir-rikorrent kif ukoll proprjetajiet oħra msemmija fl-istess dikjarazzjoni *causa mortis* peress illi m'huwiex ċert liema minnhom kienu ġew imħollija bi prelegat lir-rikorrent.

32. Jekk ma din il-figura ta' ċirka € 79,000 jiżdiedu l-ammonti tal-flus li nstabu fis-*savings account* tal-missier (€ 2,317.08), l-investimenti li nqasmu bejn l-eredi (€ 6,454.16) u l-bejgħ tal-*Mercedes* (€ 4,500), jirriżulta b'mod konservattiv mingħajr ma jittieħed kont tal-assi oħra mobbli li seta' kellu illi mal-mewt tal-missier kien hemm assi fil-valur ta' ċirka **€ 92,000**.

33. Għalhekk anke jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-ammont dovut lill-eredi intimati bħala spejjeż dovuti lilhom (€ 8,157 skond ma xehed l-intimat Joseph

Micallef fl-affidavit tiegħu[32]) xorta jirriżulta b'mod ċar illi kien hemm biżżejjed assi fl-eredita' tad-*decujus* sabiex il-prelegat ta' € 11,646.86 dovut lir-rikorrent jitħallas b'mod sħiħ.

34. Għalhekk anke t-tieni eċċezzjoni tal-intimati ma jistħoqqiliex li tiġi akkolta.

35. Jifdal biss li jiġi kkunsidrat l-imgħax li huwa dovut fuq is-somma mħollija taħt titolu ta' prelegat lir-rikorrent. Qabel xejn għall-fini ta' korrettezza s-somma proprja hija dik ta' € 11,646.86 (i.e. skond l-aħħar rata tal-kambju bejn il-munita Euro u l-Lira Maltija kif kienet fis-seħħ meta pajjiżna daħal fiż-żona euro) u mhux € 11,650 kif mitluba fir-rikors promotur.

36. Dwar l-imgħaxijiet l-Art. 727 u 728 tal-Kap. 16 jipprovdu kif ġej:

> **'727. Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dak in-nhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dak in-nhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu.**
>
> **728. L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew igħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**
>
> **(a) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;**
>
> **(b) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.'**

37. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu r-rikorrent jitlob l-imgħaxijiet legali dekoribbli mill-31 ta' Ottubru 2017, ossia mid-data tal-mewt tal-missier. L-ittra uffiċjali esebita fl-atti li ġiet ippreżentata mir-rikorrent kontra l-intimati sabiex jinterpellahom iħallsuh s-somma mħollija lilu bi prelegat, ġiet ippreżentata fit-28 ta' Ġunju 2019.

38. Kif ingħad fil-ġurisprudenza fosthom fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Giovanna Carabott v. Generoso Carabott et.</u>** (PA, 29/11/1947, per Imħallef Albert V. Camilleri, Vol 33E (1947), Parti 2, Paġna 142):

> *"L-imghax fuq il-legat jibda jghaddi minn meta ssir il-kostituzzjoni in mora, u mhux mill-mewt tat-testaur, salvi l-eccezzjoijiet li hemm fil-ligi, fosthom dik ta` meta l-oggett tal-legat huwa "kapital". U bil-kelma "kapital" wiehed ghandu jifhem mhux kwalsijasi somma ta` flus, li hija dovuta b'titolu ta` legat, imma biss dik is-somma ta` flus li fil-mument tat-testment tinsab impjegata b'mod fruttiferu."*

[32] Fol 339-341

39. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Doris Catania et. v. Evelyn Farrugia et.** (PA, Rik 490/2014 GM, 15/11/2021) ingħad is-segwenti:

> *"Intqal b'referenza għad-disposizzjoni analoga f'kodiċi ċivili Taljan tal- imgħoddi, li 'Sotto la espressione capitale fruttifero intendesi una somma impiegata e producente interessi' (Pacifici Mazzoni, Il Codice Civile Italiano Commentato, VoL.IV, para.78). Ifisser dan illi l-kapital, biex jitqies bħala produċenti l-imgħaxijiet għall-benefiċċju tal-legatarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja, irid ikun impiegat b'mod fruttiferu. Tal-istess fehma huwa Ricci, li jgħid, 'Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di danaro, che è capace a produrre interessi, bensi quel danaro che trovandosi ġià investito dallo stesso testatore, è stato destinato a produrre interessi'."*

40. Fil-każ odjern, ma ġiex legat kapital li kien diġà impjegat b'mod fruttiferu, imma ġiet legata somma flus sempliċi. Għalhekk l-imgħaxijiet ma bdewx jiddekorru mid-data tal-mewt tad-*decujus* iżda mid-data ta' meta ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali ossia' mit-28 ta' Ġunju 2019.

**Deċiżjoni**

41. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent billi:**

    1. **Tiddikjara illi huwa dovut mill-intimati s-somma ta' € 11,646.86 rappreżentanti prelegat imħolli lilu mill-ġenituri tal-kontendenti permezz tat-testment *unica charta* datat 5 ta' Ottubru 2001,**

    2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mit-28 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-intimati.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur